**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 16 ta' Frar, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Christopher Zahra**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Christopher Zahra detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 5381M.

1. Akkuzat talli nhar it-18 t' Awwissu, 2014 ghall-habta ta' bejn id-9:00pm u l-10:00pm, gewwa Misrah Arcisqof Gonzi, Kalkara hebb ghal persuna ta' James Muscat, detentur tal-karta tal-

identita' bin-numru 394073M u kkagunalu griehi ta' natura gravi skond ma ccertifika Dr Daniel McKean MD ta' l-isptar Mater Dei, u dan bi ksur ta' l-artikolu 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-Artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' James Muscat kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f' kaz ta' hija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 20 ta' Novembru, 2014 (esebit a fol. 4

tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat it-Trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw argument li sehh bejn zewg familji fit-18 ta' Awwissu 2014 ghall-habta tad-9pm gewwa gnien pubbliku/bandli li jinsabu f' Misrah Arcisqof Gonzi, l-Kalkara fejn sofra griehi ta' natura gravi James Muscat li allegatament gew kawzati mil-imputat Christopher Zahra. Il-parti civili James Muscat kien qieghed fl-imsemmija lokalita' flimkien mas-siehba tieghu certu Josianne Camilleri u uliedhom rispettivi filwaqt li l-imputat kien qieghed hemm ma' ommu Guza Zahra, ohtu Natasha Zahra u l-boyfriend taghha Melvin Agius u l-kugina Kimberly Zahra tfajla ta' sittax –il sena.  Jidher li waqt li z-zewg familji kienu bilqeghda fuq zewg bankijiet hdejn xulxin beda battibekk verbali bejn in-nisa taz-zewg familji fuq xi haga trivjali (il-boyfriend ta' Kimberly Zahra li qabel kien johrog mat-tifla ta' Josianne Camilleri) fejn sussegwentement intervjenew l-irgiel.  Hemm qbil bejn il-partijiet kollha koncernati dwar dak li gara sakemm l-argument kien jinvolvi n-nisa izda mbaghad il-Qorti tinsab rinfaccjata b' zewg verzjonijiet kunfliggenti tal-fatti li sehhew wara li ntervjenew l-irgiel.

Illi James Muscat u Josianne Camilleri[1] isostnu li meta James Muscat intervjena b' mod verbali bejn in-nisa u qalilhom sabiex jieqfu bil-battibekk verbali u bl-ghajjat ghaliex kienu qed ibezzghu lit-tfal, imbaghad l-imputat qam minn fuq il-bank u stiednu ghal glied u mbaghad rega' pogga bilqeghda fuq il-bank izda wara ftit mar minn wara Muscat u tah daqqa f' ghajnejh. Muscat jghid li malli dar l-imputat tah daqqa ohra fuq saqajh u huwa waqa' mal-art fejn imbaghad kompla jaghtih bis-sieq waqt li kien mal-art. Muscat jghid li huwa hass irkoptu ddur u meta prova jqum ma setax jimxi u ghalhekk kellha tigi l-ambulanza fejn ittiehed l-iSptar Mater Dei fejn inizjalment gie certifikat li kellu griehi ta' natura hafifa (vide certifikat mediku nserit a fol 21) izda mbaghad irrizulta li kellu frattura fl-irkoppa fejn kellu jigi operat u l-griehi ghalhekk gew klassifikati bhala gravi.

Illi l-imputat[2] min-naha l-ohra kemm a tempo vergine meta rrilaxxja l-istqarrija kif ukoll meta xehed f' dawn il-proceduri dejjem qal li huwa kien qieghed bilqeghda fuq il-bank jilghab bl-Ipad man-neputi meta nqala' l-argument bejn in-nisa u li huwa ntervjena biss meta ra lil James Muscat ixejjer idejh f' wicc ommu Guza Zahra li kienet mara anzjana qed tiehu l-warfarina u ghalhekk beza' ghall-inkolumita' taghha ghaliex minhabba l-kundizzjoni taghha jekk jibda johrogilha d-demm ma jkunx jista' jitwaqqaf. L-imputat qal li Muscat beda ukoll jhedded li ser imur igib senter u qallu li kien ser jirriducih f' wheelchair u kien ghalhekk li huwa mbotta lill-Muscat fejn dan imbaghad waqa' u kien ghalhekk li wegga' irkoptu. L-imputat jinnega li huwa ta xi daqqiet ohra lil Muscat jew li huwa tah daqqiet ta' sieq waqt li kien mal-art.

[1] Li xehdu f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu, 2015
[2] Vide Stqarrija nserita a fol 19 u 20 u xhieda nserita a fol 91 et sequitur.

Illi l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat giet korraborata minn ommu Josephine Zahra, minn ohtu Natasha Zahra kif ukoll minn Kimberly Zahra u minn Melvin Agius.

Ikkunsidrat:

Illi f' dan il-kaz id-Difiza ssostni li l-imputat agixxa b' dak il-mod sabiex jiddefendi principalment lil ommu u anke lil ohtu u li ghalhekk ghandhom japplikaw l-Artikolu 223 u 224 tal-Kodici Kriminali (legittima difesa).

Illi din il-Qorti wara li semghat lil parti civili u lill-imputat jixhdu quddiemha viva voce u wara li semghat ix-xhieda minnhom prodotti u wara li kkonstatat bir-reqqa kollha dovuta l-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda, jidrilha li ghandha temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u mill-familja tieghu. Din il-Qorti tinsab moralment konvinta li l-imputat imbotta lil James Muscat sabiex jiddefendi u jipprotegi lil ommu waqt li Muscat kien qed ixejjer idejh f' wiccha u wara li hedded li ser jipproduci senter. F' dan il-kaz jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi sabiex tiskatta d-difiza tal- legittima difesa. Il-Qorti temmen li l-griehi li sofra Muscat f' irkoptu gew kkawzati wara li l-imputat imbotta lil Muscat u bil-moviment li dan ghamel fejn irkoptu nqabditlu bejn il-hadid tal-bank waqt li qed jaqa'. Il-Qorti tinsab konfortata f' dan il-konvinciment morali mix-xhieda tal-konsulent ortopediku Mr Ivan Esposito li xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2015 u kkonferma li kien

plawzibbli li t-tip ta' lacerazzjoni jew frattura fil-ligament tal-irkoppa setghat giet kawzata b' dan it-tip ta' moviment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**MAGISTRATP**